# EŻAMI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR - 2003
# MALTI - SKEMA TA' MARKI

| | Nr. | Tweġiba | Marka | Tagħrif Ieħor/Aċċetta |
|---|---|---|---|---|
| | | **Jiġu aċċettati tweġibiet sħaħ jew diretti rilevanti mal-mistoqsija.** | | **Jitnaqqsu marki għal żbalji fl-ortografija (naqqas marka kull erba' żbalji) u fejn m'hemmx tweġibiet sħaħ.** |
| A | 1 | Fil-port kienu jidħlu vapuri ta' kull daqs u għamla. | 1 | Kienu jidħlu vapuri differenti/ta' kull kwalità/ta' kull xorta. |
| | 2a<br>2b | Ivan kien jgħix ħdejn il-baħar.<br>Ivan kien iħobb il-vapuri. | 1<br>1 | Missieru kien kaptan.<br>Tħajjar minn missieru.<br>Ivan kien jogħxa jħares lejn il-vapuri.<br>Lil Ivan kien jogħġbu x-xogħol fuq il-vapuri. (Aċċetta tweġibiet li juru raġuni valida.) |
| | 3 | L-aħħar vjaġġ dam xahrejn. | 1 | Kien vjaġġ ta' xahrejn.<br>Il-vjaġġ kien twil xahrejn. |
| | 4 | Din il-ġrajja seħħet fis-Sajf. | 1 | |
| | 5 | Hu ried itir bil-ferħ għax fl-aħħar kien se jaqta' xewqtu. | 1 | Kien se jbaħħar fuq il-vapuri li tant kien iħobb.<br>Kien se jbaħħar bħal missieru.<br>Ivan kien ferħan għax missieru ried jieħdu miegħu għall-mawra li jmiss. |
| | 6 | Ommu kienet tħoll u torbot peress li kienet hi li riedet tagħti l-permess/il-kunsens lil Ivan biex imur ma' missieru. | 1 | Id-deċiżjoni hi riedet teħodha.<br>Il-permess/kunsens hi kellha tagħtih.<br>Bil-permess tagħha seta' jmur. |
| | 7a<br>7b | Ivan kien għadu żgħir.<br>Il-baħar ma kienx post għat-tfal. | 1<br>1 | Bdiet taħseb li Ivan seta' jiġrilu xi ħaġa.<br>Kienet tibża' mill-baħar u għal ħajjet Ivan. Kienet tibża' minn xi diżgrazzja.<br>Il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa.<br>(Aċċetta kull tweġiba li turi dilemma.) |
| | 8 | Kellu tnax-il sena. | 1 | Għalaq tnax-il sena. Kellu 12-il sena. |
| | 9 | Ftakar li għalkemm il-baħar hu sabiħ, fih ħafna perikli.<br>Tagħmilx aktar milli jmissek, għax il-baħar perikoluż. | 1 | Tiċċajtax mal-baħar. Il-baħar tafdahx.<br>Il-baħar tilgħabx miegħu.<br>Aċċetta kull sentenza sħiħa li turi l-periklu tal-baħar u xi biża' li jista' joħloq, u li wieħed m'għandux jiċċajta miegħu minkejja s-sbuħija tiegħu. |
| | 10 | Il-baħrin kienu jobduh. | 1 | Il-baħrin kienu jaħdmu ħafna. |
| | | | | |
| B* | 1 | isalpaw | 1 | |
| | 2 | waqa' l-kliem | 1 | |
| | 3 | *ħmistax-il ġurnata* | *Eż.* | |
| | 4 | jaqta' figura tajba | 1 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 5 | fuq ix-xwiek | 1 | |
| | 6 | jimbarkaw | 1 | |
| | | | | |
| Ċ | | għamlu, jobsor/basar, seta’, ħasbu, marru, ħabat, daħal, niżel, għerqu (għarraq), baqgħet | 10 | **Tagħtix marki fejn hemm żbalji fl-ortografija jew fit-tifsila grammatikali.** |
| | | | | |
| | **Nr.** | **Tweġiba** | **Marka** | **Tagħrif Ieħor** |
| D* | 1 | kulma | 1 | |
| | 2 | daqstant | 1 | |
| | 3 | daqskemm | 1 | |
| | 4 | għalkemm | 1 | |
| | 5 | sakemm | 1 | |
| | 6 | għalxejn | 1 | |
| | 7 | bilkemm | 1 | |
| | 8 | minkejja | 1 | |
| | | | | |
| E* | | sħun, qalil, xemxi, qawwi, qerried , imqarqaċ, kiefer | 1 | jikwi, jaħraq, jixwi, niexef, xott, sabiħ |
| | | ħdejn, fejn, qrib, viċin | 1 | maġenb, fuq, spiss, ftit, lejn |
| | | iħobb | 1 | imur, idum, joqgħod, tarah |
| | | jixxemmex | 1 | jixxawwat, jintelaq, jimtedd, jintefa’, jintreħa, jinħaraq, jinkewa, jorqod |
| | | qalila, qawwija, qerrieda | 1 | tisreġ, taħraq, taqli, tagħli, tikwi, tixwi, sħuna |
| | | umbrella, blata | 1 | tinda, kamp, saqaf, siġra, ħajt, ċint, palma |
| | | gost | 1 | pjaċir, sfog |
| | | qamar | 1 | |
| | | mixja | 1 | passiġġata, passejn, bajja, mkien |
| | | niffriskaw, nistrieħu, nbattu | 1 | intaffu, neħilsu, naqtgħu, niffrankaw |
| | | | | |
| F | | **Aċċetta ħames sentenzi li jagħmlu sens f’ordni sekwenzjata fl-assoċjazzjoni ta’ ideat mill-bidu sa l-aħħar.** | **2 marki kull waħda** | ***1* marka għall-binja u *1* marka għall-ortografija. Għandhom jitnaqqsu marki għal żbalji fl-ortografija u għan-nuqqas ta’ koerenza.** |
| | | | | |
| Ġ | 1 | Żommu f’temperatura baxxa. | 1 | |
| | 2 | Prezz ma jinbidilx. | 1 | |
| | 3 | Ħallasni fil-pront għax-xirja. | 1 | |
| | 4 | Għaddi mill-passaġġ. | 1 | |
| | 5 | Bżar iswed imfarrak. | 1 | |
| | | | | |
| G | 1 | Il-Birgu | 1 | |
| | 2 | Ġuża | 1 | |
| | 3 | Ġuża u Sina | 1 | |
| | 4 | Gwida | 1 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 5 | Il-Birgu | 1 | |
| | | | | |
| Għ* | 1 | Inqabad bejn/inħataf/inħakem/ twassal/ twaqqaf minn/ħarab minn/ mar ma’ | 2 | ħarab liż-, iġġieled/tqabad/issara ma’/maż-, għamel, ħabat għal/għaż-, fera lil/liż-, spara lejn/fuq |
| | 2 | daħlet/tfarrket/tkissret/spiċċat/ nqerdet f’ (fil-), pparkjat ħdejn | 2 | ħabtet/tfarrket/tkissret/spiċċat ma’ (mal-) |
| | 3 | tlabna għall-/spiċċajna għall- | 2 | ftakarna /ħsibna fl- |
| | 4 | nirkeb/tirkeb fuq, noħroġ/toħroġ fuq | 2 | nitla’/titla’, noqmos/toqmos, niġġerra/tiġġerra, nistrieħ/tistrieħ fuq |
| | 5 | tafx minn | 2 | tobsorx minn/jimpurtakx ma’/taħsibx minn |
| | | | | |
| ***Fl-eżerċizzji B, D, E u GĦ naqqas nofs marka għal kull żewġ żbalji fl-ortografija.** | | | | |

## (H) SKEMA TA' MARKI — minn 25 marka

**Kriterji għall-assessjar ta' kitba kontinwa:** Komponiment/Kitba Kreattiva

Qiegħed il-kitba f'waħda mill-kategoriji fuq ix-xellug billi tagħtiha marka ġenerali skond l-ewwel impressjoni li tħalli fuqek. Dawk il-kitbiet li jkunu barra s-suġġett għandhom jibdew jingħataw marki minn 13 minflok minn 25 u mbagħad jiġu addottati l-kriterji normali

Għaddi biex taġġusta l-marka billi żżid jew tnaqqas il-marki skond il-kategorija li fiha jkun il-komponiment/kitba kreattiva skond il-valuri li l-kitba jkun ħaqqha fuq il-kriterji li jidhru fuq ix-xellug ta' l-iskema.

| | Kategorija | Kriterji | Deskrizzjoni | Medda tal-Marki | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Naqqas u żid skond il-livell tal-kitba f'dawn il-valuri | | | |
| A | Tajba ħafna<br>Marki:<br>25 - 20 | Eċċellenti<br>Tajba ħafna (b'xi difetti żgħar) | Struttura tas-sentenza tajba u għażla u medda ta' vokabularju varjati. Din tkun bla żbalji. Il-kanditati juru ħila fil-komunikazzjoni. | Ideat dwar is-suġġett u kreattività | Stil u struttura: punteġġjatura paragrafi, eċċ | Grammatika, sintassi u Malti idjomatiku | Ortografija |
| | | | | **7 marki** | **5 marki** | **5 marki** | **8 marki** |
| B | Tajba<br>Marki:<br>19 - 13 | Livell tajjeb<br>Mhux ħażin | Kompetenza fl-użu ta' l-aspett komunikattiv. Għalkemm ikun hemm xi żbalji, ma jkunux ta' spiss. | | | | |
| Ċ | Dgħajfa<br>Marki:<br>12 - 0 | Livell baxx | Din tkun dgħajfa fil-komunikazzjoni u jkun fiha ħafna żbalji kbar. | | | | |